MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 10/1998/1

Rikors Nru: 10B/98

Devilhena Limited

vs

Louis Galea

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' esponenti pprezentat fit-30 t'April, 1998 fejn esponiet:

Illi s-socjeta' esponenti tikri lill-intimat l-ghalqa maghrufa ta' Hal Dragu, fil-Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, ta' cirka tlett tomniet u dana bil-qbiela ta' sittin centezmu (Lm0.60) li jithallsu bis-sena fil-15 ta' Awissu ta' kull sena.

Illi l-esponenti jehtieg l-ghalqa ghal skopijiet agrikoli.

Illi matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skond il-kalendarju.

Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti qeghda titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgobu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess battal tal-imsemmija ghalqa wara l-iskadenza li jmiss u dana wara li l-Bord jillikwida l-valur tal-benefikati li jistghu jkunu dovuti lill-intimat, u jikkundanna lill-istess intimat li jizgombra mill-istess ghalqa.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Louis Galea, fit-2 ta’ Gunju, 1998 fejn espona:

1. Illi mhux minnu li s-socjeta’ rikorrenti tehtieg l-ghalqa de quo ghal skopijiet agrikoli.

2. Illi mhux minnu l-ghalqa thalliet ghal izjed minn tnax-il xahar konsekuttivi f’dawn l-ahhar sentejn ma tinhadem. Ghal kuntrarju l-ghalqa baqghet dejjem tigi kultivata kif ghadha tigi kultivata sa llum.

3. Illi bla pregudizzju ghal fuq premess din l-ghalqa tipprovdi sors ta’ ghixien importanti lill-esponenti u jsofri hardship akbar ai termini ta’ l-ewwel proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-PL Anthony Mifsud.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Ra li fis-seduta ta’ llum il-partijiet flimkien ressqu nota u talbu sentenza skond qbil milhuq bejniethom.

Jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti fuq il-kawzali kollha u jawtorizzaha tiehu f’idejha l-ghalqa maghrufa bhala ta’ Hal Dragu fil-Bidnija, truf ta’ San Pawl il-Bahar ta’ cirka tlett tomniet.

Ghal ghan ta’ tkeccija mill-fond jaghti sal-31 ta’ Awissu 2006, spejjez bla taxxa. Il-ftehim milhuq ghandu jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------